**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**-Vs-**
**ASWAD MAJED**

**Illum, 20 ta' Awwissu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **ASWAD MAJED** ta' 26 sena, bin Fadel u Madinja, imwieled fl-1 ta' Jannar 1998 u residenti ġewwa Birkirkara, detentur tal-passaport mill-Greċja bin-numru AA6714394 u/jew permess ta' residenza mill-Greċja numru P00991884 li ġie akkużat talli fid-19 ta' Awwissu 2024 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu, ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, u/jew Ħal QOrmi Santa Venera, u/jew fil-viċinanzi:

1. Saq vettura ta' għamla Ford Transit rregistrata bi numru HBX669 minghajr licenza tas-sewqan;

2. Saq vettura ta' għamla Ford Transit rregistrata bi numru HBX669 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

3. Saq vettura ta’ għamla Ford Transit rregistrata bi numru HBX669 b’ mod perikoluz;

4. Saq vettura ta’ għamla Ford Transit rregistrata bi numru HBX669 bi traskuragni;

5. Saq vettura ta’ għamla Ford Transit rregistrata bi numru HBX669 b’ nuqqas ta’ kont;

Il-Qorti kienet mitluba li f’każ ta’ ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorità, għal perjodu ta’ żmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont l-Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semgħet lill-imputat iwieġeb li huwa ħati;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li ngħata ħin biex jirrikunsidra din l-ammissjoni u sabiex jikkonsulta mad-difensur tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonjiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena fejn qablu li l-piena ta’ sentenza ta’ priġunerija li l-effetti tagħha jiġu sospiżi bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tkun waħda idonea fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukati difensuri tiegħu bl-assistenza ta' interpretu ġuramentat, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab ħati tar-reati li ġew mixlija bihom.

Ghall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat kiser diversi dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni u l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, fosthom li saq b'mod perikoluż u dan meta ma kellux liċenzja tas-sewqan u lanqas ma kien hemm fis-seħħ, għall-użu minnu ta' dik il-vettura, kopertura tal-ssigurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni. Illi tqis li dan il-ksur, fl-assjem tiegħu, huwa wieħed gravi anke tenut kont il-fatt illi l-imputat, li ma kko-opera bl-ebda mod mal-Pulizija fl-investigazzjoni dwar il-każ, ma għandux permess biex jirrisjedi f'Malta u li qed jitqies mill-Pulizija bħala immigrant projibit. Il-Qorti ġiet mgħarrfa wkoll li sejrin jinbdew il-proċeduri meħtiġa da parti tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, biex jitneħħa minn Malta minnufih. Fl-istess waqt ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri u l-fatt illi ma nġabitx prova li huwa diġa' ġie kkundannat għal xi reat kriminali fil-passat, lanqas reati kontra r-regolamenti tat-traffiku jew kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104.

**Għaldaqstant, wara li rat l-artikolu 15(1(a)(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 3(1)(1A)(2)(a)(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil ASWAD MAJED ħati tal-akkużi kollha u tikkundannah sitt (6) xhur priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'**

**Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien sena.**

**Bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, tordna li l-ħati jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax (12)-il xahar.**

**Billi l-ħati jidher li huwa immigrant projibit fit-termini tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni biex jieħu konjizzjoni tagħha u jieħu l-passi meħtieġa għat-tneħħija tal-ħati minn Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**